**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U ĦAMSIN**

**14 TA' NOVEMBRU, 2018**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-Viċi Chairperson Maria Schembri, l-membru Joseph D'Amato u l-membru Kevin Sam Farrugia.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri ippresediet s-seduta, minabba lis-Sur Pierre Farrugia avża li ser jattendi aktar tard, minħabba x-xogħol tiegħu.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **54.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 54.1.1 | | Il-membru Marylin Sammut infurmat li ma tistax tattendi minħabba li ser tkun imsiefra. |
| | | |
| | | |
| **54.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 54.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tat-tlieta u ħamsin –il seduta. |
| ***54.3*** | | ***SUĠĠERIMENTI U LMENTI*** |
| | | |
| 53.3.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kumitat Amministrattiv reġgħa rċieva email mingħand il-Kumitat ismijiet tat-toroq fejn reġgħu ssuġġerew li l-Kumitat jerġa jirrevedi d-deċiżjoni fuq il-bdiel tal-ismijiet ta' partijiet minn |

| | | |
|---|---|---|
| | | Triq Santa Marija u Triq Sant Andrija.<br><br>Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ssuġġerixxa li tinkiteb ittra lir-residenti kollha involuti u naraw jekk għandhomx oġġezzjoni li jinbidlilhom l-indirizz tat-triq tagħhom. Jekk il-maġġoranza jaqblu l-Kumitat Amministrattiv javżaw lill-Kumitat ismijiet tat-toroq bir-risposta. Jekk jinbidel l-indirizz, ir-residenti ser ikollhom ħafna ġiri għand entitajiet biex jinbidel l-indirizz, barra xi spejjeż ta' nutari.<br>Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kumitat Amministrattiv jitlob l-għajnuna tal-Onorevoli Julia Portelli fuq din il-kwistjoni.<br>Kien hemm qbil li jekk ma tinstabx għajnuna, il-Kumitat Amministrattiv jimxi bl-ewwel proposta. |
| | | |
| 54.3.2 | | Il-membru Joseph DÁmato qal li mar mal-kuntrattur f'side road fi Triq Sant Agatha, fejn qed jilmentaw li qed jidħlilhom l-ilma, imma kien hemm qbil li ma jista jsir xejn min-naħa tal-Kunsill. |
| | | |
| 54.3.3 | | Il-membru Joe D'Amato qal li resident minn Triq Gożwalda Calleja talab sleeping policeman. Iċ-Chairperson qal li hu ġie mitlub li ssir waħda fi Triq Gio Batta Riccio minħabba l-ilmijiet li qed jidħol ġol-għelieqi.<br>Il-Kumitat Amministrattiv ma qabilx li jsiru sleeping policeman minħabba l-ilmijiet għax jekk isir hekk, dan jintefa quddiem residenti oħra. |
| | | |
| 54.3.4 | | Iċ-Chairperson Pierre Farrugia sstaqsa kif bqajna fuq il-culverts li hemm fi Triq San Porfirju li l-ilma tagħhom qed imorru ġo plot li ser jinbena fi żmien qasir. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi u l-Kunsillier Joseph D'Amato kellhom laqgħa ma' Infrustructor Malta fuq dan ir-rigward u kellhom jintbagħtu periti biex jissorveljaw il-każ. Kien hemm qbil li tintbagħat reminder fuq il-każ. |
| | | |
| ***54.4*** | | ***Data u ħin tas-seduta li jmiss u data tal-laqgħa annwali*** |
| | | |
| 54.4.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:15. Il-membri preżenti qablu li id-data tal-laqgħa li jmiss tkun l-Erbgħa 19 ta' Diċembru, 2018 fil-17:30, fil-kappella ta' Bubaqra, fejn ser tkun inluża l-laqgħa annwali. |

Konfermati, illum _19___ ta' DIĊEMBRU, 2018.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Pierre Farrugia Josianne Cilia Mumford
**Chairperson** **Segretarju Eżekuttiv**